Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima

Appell Nru: 464/2017

Il-Pulizija

Vs

Mjanes McKay

Illum 14 ta' Dicembru, 2017,

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra Mjanes McKay detentur tal-Karta tal-Identita' Maltija bin-numru 52486M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Ghax-xahar ta' Jannar u Frar, 2017, f'dawn il-Gzejjer b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, kisru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, dawn l-atti jitqiesu bhala reat wiehed kontinwat:

Naqas li jghati lil Katya Schembri, is-somma ta' 200 Ewro fix-xahar, ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata fil-kuntratt bhala manteniment ghal-uliedu u/jew martu, fi zmien hmistax-il jum minn dak il-jum li fih, skont l-ordni jew dak il-kuntratt kellha tithallas is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali,

tat-8 ta' Novembru, 2017, fejn il-Qorti, wara li rat l-artikolu 338(z) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-appellant hati tal-akkuzi kif dedotti mill-Prosekuzzjoni u kkundannatu ghall-xahar prigunerija.

Il-Qorti fissret fi kliem car, il-portata tas-sentenza lill-imputat.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Mjanes McKay, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fl-14 ta' Novembru, 2017, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti tirriforma s-sentenza appellata u tvarjha in kwantu l-piena billi minflok il-piena nflitta tissostitwixxi ghall-istess piena, piena aktar ekwa u gusta ghal kaz odjern.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat l-aggravji tal-appellanti Mjanes McKay:
Illi preliminarjament, l-esponent jirrikonoxxi li ghandu obbligu li jhallas manteniment u kien propju ghalhekk li fis-seduta tat-8 ta' Novembru, 2017, l-esponenti mill-ewwel ammetta l-akkuza dedotta kontrih.
Illi ghalkemm l-esponenti jixtieq jlahhaq mal-obbligu tal-manteniment, ir-raguni ghaliex hu ma setax ilahhaq ma' dan l-obbligu ma kienx wiehed kapriccjuz. Ghal kuntrarju, huwa kaz pjetuz.
Illi d-digriet moghti mill-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) jimponi fuq l-esponenti l-obbligu li jhallas mitejn Ewro (€200) fix-xahar lil parte civile Katya Schembri u dan in rispett ta' binhom minuri. Sfortunantament, l-esponenti ghadda minn zmien ikrah f'hajtu li gab il-posizzjoni finanzjarja tieghu fi stat tassew prekarju. Filfatt kien hemm episodji fejn huwa kellu jistrieh fuq familjarji tieghu biex ilahhaq mal-obbligu tal-manteniment. Il-fatt li bhalissa l-esponent qieghed jippartecipa fi programm residenzjali il-Caritas ifisser li huwa ma jistax ikollu impjieg qabel it-tmiem ta' dan

il-programm. Tajjeb jinghad illi l-esponenti dahal fil-programm b'mod volontraju u b'rieda sinciera li jbiddel il-korsa ta' hajtu.
Illi minkejja li l-parte civile hi ben konxja ta' dawn ic-cirkostanzi u l-fatt li l-esponenti m'huwiex f'posizzjoni li jlahhaq mal-obbligu tal-manteniment hija baqghet dejjem tinsisti fuq il-hlas.
Illi bil-piena erogata, cioe' dik ta' prigunerija effettiva, ser jibda cirku vizzjuz ikrah fejn aktar minn qatt qabel, l-esponenti m'huwiex ser ikun f'posizzjoni li jlahhaq mal-obbligu tal-manteniment minhabba l-perjodu ta' prigunerija u l-effett li tali sentenza ser ikollha fuq il-kondott tieghu u ergo, il-facilita' jew addirittura l-possibilita' li huwa eventwalment isib impjieg ladarba jigi reintegrat fis-socjeta'.
Illi bir-rispett kollu dovut, jinhass illi l-piena nflitta mill-Ewwel Onorabbli Qorti hija wahda sproporzjonata u inekwa fil-kuntest tac-cirkostanzi u l-isperanza hija li din l-Onorabbli Qorti tal-Appell turi klemenza.
Ikkunsidrat,
Illi llum seduta stante l-appellant hallas il-menteniment kollu dovut in konnessjoni mal-akkuzi addebitati lilu f'din l-istanza. Kwindi ghalkemm tirrizutla xorta wahda r-reita, madanakollu hemm lok ghall-varjazzjoni fil-piena.
Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' l-appell, tirriforma in parti s-sentenza appellata fejn filwaqt illi tikkonfermaha ghal dak li jirrigwarda l-htija, tirriforma l-piena inflitta u minflok dik ta' xahar prigunerija, tillibera lill-appellanti taht il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena.

Il-Qorti twissi lil hati bil-konsegwenzi skont il-ligi jekk huwa jikkometti reat iehor matul dan il-perijodu ta' liberta kondizzjonata.

Edwina Grima

Imhallef